Il-Ġid Komuni tal-Ibħra

Sommarju - Azzjoni Komuni ta' Justice and Peace Europe 2020

Il-pjaneta tagħna tista' titqies bħala pjaneta blu. Dan għaliex 70% ta' wiċċ id-dinja hu miksi bl-ilma. Madanakollu, il-bilanċ fl-ekosistema tad-dinja jinsab f'periklu minħabba l-intervent tal-bniedem. Għalhekk, il-Kummissjonijiet Ewropej tal-Ġustizzja u Paċi ddeċidew li t-tema tal-konferenza annwali ta' din is-sena tkun proprju dwar "Il-Ġid Komuni tal-Ibħra".

Il-qagħda tal-oċeani tagħna

L-impatt taċ-ċiviltà fuq l-ibħra tagħna kien xokkanti. B'mod partikolari fl-aħħar seklu, volum kbir ta' skart intrema fl-oċeani. Kull sena jintremew madwar tmien tunnellati ta' plastik fil-baħar. Huwa stmat li sal-2050 il-piż ta' ħut fil-baħar se jkun inqas mill-piż tal-plastik li ntrema fih. Biċċiet żgħar ta' plastik imsejħa microplastics, jagħmlu ħsara kbira lill-ekos istema. Dan minħabba li huma diffiċli ħafna biex jinġabru u jispiċċaw jittieklu mill-ħut għaliex jaħsubhom ikel.

It-tniġġis tal-oċeani huwa r-riżultat tad-diversi attivitajiet tal-bniedem fuq l-art. It-tniġġis tal-karbonju rilaxxat fl-atmosfera qed jispiċċa wkoll fl-oċeani, li jwassal għal żieda fil-livell ta' aċidità fl-oċeani u b'hekk titpoġġa fil-periklu l-bijodiver sità. Id-drenaġġ u t-tniġġis agrikolu huma l-kawżi prinċipali taż-żieda drastika fl-ewtrofikazzjoni fl-ibħra. Is-sajd bla kontroll wassal għall-waqgħa ta' ekosistemi sħaħ – dawk iż-żoni ta' sajd li qabel kienu abbundanti bil-ħut, illum kważi spiċċaw bla ebda ħajja ġo fihom. L-ammont globali ta' ħut f'livelli bijoloġikament sostenibbli naqas minn 90% fl-1974 għal 69% fl-2013. It-tkarkir tal-qiegħ fl-ibħra fondi qed jikkawża ħsara katastrofika, b'ekosistemi sħaħ u possibilment speċi sħaħ ta' ħut (li ħafna minnhom għadhom ma ġewx skoperti) qed jinqredu minħabba attivitajiet irresponsabbli. Il-ħtieġa ta' azzjonijiet immedjati u konkreti sabiex nipproteġu l-oċeani tagħna qatt ma kienet daqshekk urġenti.

Kwistjoni umanitarja

Il-benessri tal-oċeani tagħna mhijiex biss kwistjoni ekoloġika, iżda wkoll kwistjoni soċjali u umanitarja: "Hemm relazzjoni qawwija bejn id-diterjorazzjoni ambjentali kif ukoll id-degradazzjoni umana u etika". It-tniġġis u l-konsum bla rażan qed ikollhom effett dirett fuq dawk in-nies li l-għejxien tagħhom jiddependi mis-sajd. Barra minn hekk, in-nies li jaħdmu fuq il-baħar għandhom rata għolja ta' mortalità minħabba l-kundizzjonijiet prekarji u l-abbużi relatati mal-kundizzjonijiet u l-kuntratti tax-xogħol. Huwa diffiċli ssemmi l-baħar u ma tiftakarx fil-migranti li għażlu t-triq tal-baħar bit-tama li jsibu kenn mill-persekuzzjoni, mit-theddid, min-nuqqas ta' sigurtà, jew biex isibu xogħol jew kundizzjonijiet għal għejxien aħjar. It-tkabbir fid-degradazzjoni ambjentali jwassal sabiex iktar nies jagħżlu li jaħarbu u jitilqu minn art twelidhom bit-tama ta' futur aħjar.

Iktar għarfien u l-azzjoni minn Justice & Peace Europe

Ħafna qed jirrealizzaw li l-ibħra jinsabu fi kriżi minħabba t-traskuraġni u l-abbużi tal-bniedem. Qed jiġu organizzati diversi laqgħat u inizjattivi bil-għan li titqajjem iktar kuxjenza dwar il-konservazzjoni

tal-ibħra. Il-partijiet kollha involuti għandhom id-dmir jippreservaw dan il-ġid komuni għal dejjem. Justice & Peace Europe tinsisti fuq dawn il-ħames punti:

Attività fuq livell internazzjonali

Hu meħtieġ li l-komunità internazzjonali timpenja ruħha sabiex ikun hemm governanza effettiva tal-oċeani. Dan jgħin biex ikollna oċeani nodfa, u mingħajr perikli u abbużi. Sabiex dan iseħħ għandhom jinħolqu miżuri diretti għall-konservazzjoni tal-oċeani li jinkludu l-għażla ta' żoni protetti. Diversi xjentisti rrakkomandaw biex sas-sena 2030, 30% tal-ibħra jkunu f'netwerk ta' żoni protetti. L-opri tal-baħar huma kawża oħra tat-tniġġis tal-oċeani, u li sa issa għad m'hemmx analiżi ta' kemm qed iħallu marka tal-karbonju. It-trasport marittimu jammonta għal mill-inqas 3% tal-emissjonijiet globali tal-gassijiet serra, u jekk ma jiġix ikkontrollat jista' jitla' għal 17% sal-2050. Dwar l-industrija tas-sajd, huma ferm importanti li l-kwoti tas-sajd jiġu stabiliti u mħarsa. Nappellaw ukoll lil-gvernijiet sabiex jistabilixxu liġijiet u konvenzjonijiet internazzjonali sabiex jiġu mħarsa u garantiti d-drittijiet tas-sajjieda.

Attività fuq livell nazzjonali u Ewropew

Fil-bidu tal-2020, il-Kummissjoni Ewropea adottat it-tieni pjan ta' azzjoni bbażat fuq ekonomija ċirkolari. Iktar kemm dan il-pjan jidħol fis-seħħ malajr, iktar ikun ta' għajnuna fit-tisħiħ tal-ħarsien tal-oċeani. L-Unjoni Ewropea għandha jkollha rwol ewlieni fit-tieni konferenza tan-Nazzjonijiet Magħquda dwar l-oċeani li ser issir f'Ġunju li ġej f'Lisbona, il-Portugall. L-Unjoni Ewropea wiegħdet li sal-2030 se tobbliga l-użu ta' plastik irriċiklat. Min-naħa l-oħra, il-gvernijiet għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex tintlaħaq din il-mira. Għandu jiġi mħeġġeġ u sostnut l-użu ta' materjali bijodegradabbli għall-basktijiet tal-plastik u inċentivi sabiex jitnaqqas l-użu tal-plastik bħal li tħallas għal borża tal-plastik (min iniġġes iħallas). Il-gvernijiet għandhom ukoll jinvestu fi programmi u teknoloġiji għat-tindif tal-ibħra, kif ukoll f'iktar riċerka sabiex ikompli jitjieb l-istat tal-oċeani.

Il-Knisja lokali

Nappellaw lil dawk li għandhom rwoli sinifikanti fil-Knisja sabiex jibqgħu jieħdu interess f'dan is-suġġett u jkunu ta' eżempju għan-nies ta' madwarhom. Huwa importanti li jimxu mal-prinċipji msemmija f'dan id-dokument. Għandhom ukoll jiġu vverifikati l-attivitajiet ta' kuljum sabiex tinbidel l-imġiba ta' dawk li qed jikkontribwixxu għall-qerda tal-ambjent.

Il-komunitajiet u l-familji

Il-komunitajiet jistgħu jagħmlu ħafna biex jgħinu l-ħarsien tal-oċeani. Inħeġġu lill-komunitajiet biex ikunu proattivi u jieħdu azzjoni biex jiżguraw it-tiġdid tal-oċeani tagħna.

Impenn personali

Huwa ferm importanti li nirrealizzaw li l-bidla ssir meta ġurnata wara l-oħra kull wieħed u waħda minna jimpenja ruħu biex jipproteġi l-oċeani. Sabiex inkunu leali għar-rieda ta' Alla, jiġifieri dik li nieħdu ħsieb il-ħolqien kollu, kull membru tal-Knisja għandu jimxi mal-liġijiet u jkun kreattiv u proattiv billi jħaddan diversi metodi li jiddefendu l-oċeani tagħna.